TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Denis Desira**

**Vs**

**Fair Deal Furniture (Malta) Ltd**

CCT 77/24/CC

Illum 24 ta' Settembru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attur ipprezentata fis-7 ta' April 2024, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' €1,000 (elf ewro) rapprezentanti ammont reklamat in vista li l-ghamara mixtrija minghand is-socjeta intimata ma nhadmitx skond l-istruzzjonijiet specifici ta' l-attur.

Ra li s-socjeta intimata Fair Deal Furniture (Malta) Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta, fejn *inter alia* gie rilevat li l-vertenza sollevata mill-attur giet rimedjata izda s-socjeta intimata ma setghetx teffetwa x-xoghijiet mehtiega minhabba li l-attur informa lis-socjeta intimata li l-ghamara kienet ippustjata bl-effetti personali ta' l-attur.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, deher l-attur Denis Desira li ddepona *viva voce,* u deher ir-rapprezentant tas-socjeta intimata Arnold Vella, li ddepona viva voce.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li l-attur f'Lulju 2023 ghamel ordni ta' ghamara minghand is-socjeta intimata, ghal ammont li originarjament kien ta' €3,625 (tlett elef, sitt mija u hamsa u ghaxrin ewro). In segwitu, l-attur talab modifika fid-dettalji ta' l-ordni, b'dan li fuq struzzjonijiet specifiki, huwa talab li t-trufijiet ta' l-ghamara ma jkunux fit-tond.

Illi jirrizulta li l-attur informa lis-socjeta intimata b'dawn l-istruzzjonijiet, b'dan li fuq l-ordni kif emendata, jirrizultaw l-istruzzjonijiet kif mitluba mill-attur. Illi inoltre, skond id-dokumentazzjoni ipprezentata fl-atti ta' din il-kawza, irrizulta li l-prezz gie mibdul

mill-ammont ta' €3,625 (tlett elef, sitt mija u hamsa u ghaxrin ewro), ghal ammont ta' €3,500 (tlett elef u hames mitt ewro). L-attur effetwa l-pagament mitlub, u saret il-konsenja ta' l-ghamara ordnata.

Illi gara li l-struzzjonijiiet mitluba mill-attur ma avverawx, u s-socjeta intimata kkonsenjat ghamara bi trufijiet fit-tond, a kuntrarju ta' dan mitlub mill-attur.

Illi jirrizulta li meta l-attur ilmenta mas-socjeta intimata, s-socjeta intimata rrikonoxxiet li kien hemm nuqqas u offriet li tirrimedja tali nuqqas, sabiex tissodisfa x-xewqat ta' l-attur. Madankollu jirrizulta li kien hemm dewmien eccessiv, u finalment l-attur jikkonferma li huwa ghandu l-ghamara mhux skond dak ordnat minnu. Da parti tas-socjeta intimata, tirrileva li hija disposta li tirrimedja n-nuqqas, izda ma inghatatx wicc mill-ghamara li attwalment tinsab ghand l-attur, u ghalhekk ma setghetx tirrimedja tali nuqqas, minhabba li jehtieg li jitqabbel l-*ispray* originali ta' l-ghamara.

Ikkunsidra;

Illi t-Tribunal, minn analizi tal-provi prodotti, u wara li sema' lil attur u r-rapprezentant tas-socjeta intimata jixhdu fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attur fl-ammont ta' €1,000 (elf ewro) fic-cirkostanzi tal-kaz hija eccessiva, u ma gietx ippruvata.

Illi dan qieghed jinghad u ikkonfermat mill-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri, li s-socjeta intimata mill-bidu irrikonoxxiet in-nuqqas taghha, u offriet li tirrimedja s-sitwazzjoni sabiex tikkonsenja l-ghamara skond il-modifiki mitluba mill-attur.

Illi jirrizulta ulterjorment li s-socjeta intimata ma setghetx tirrimejda s-sitwazzjoni stante li ma inghatatx wicc ta' l-ghamara sabiex tqabbel l-*ispray.*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal, wara li ha in konsiderazzjoni d-dokumentazzjoni ipprezentata fl-atti ta' dawn il-proceduri, u wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi:

filwaqt li qieghed jichad it-talba avvanzata mill-attur ghal hlas ta' l-ammont ta' €1,000 (elf ewro) li t-Tribunal jiddikjara li hija eccessiva u mhux rizultanti mill-provi prodotti, qieghed jakkorda terminu ta' tlett (3) gimghat lil attur sabiex jipprovdi wicc ta' l-ghamara lis-socjeta intimata sabiex tqabbel l-*ispray* ta' l-ghamara. Is-socjeta intimata da parti taghha qed tigi akkordata terminu ta' tlett (3) gimghat sabiex tipprovdi l-ghamara kif rikjesta mill-attur.

Fin-nuqqas li tali termini jiskadu minghajr ma jsir dan stabbilit, is-socjeta intimata ghandha thallas lil attur l-ammont ta' €125 (mija u hamsa u ghoxrin ewro) li hija d-differenza kif tirrizulta mid-dokumentazzjoni prodotta fl-atti ta' dawn il-proceduri bejn l-ordni originali u l-ordni kif modifikata.

Kull parti f'dawn il-proceduri ghandha thallas l-ispejjez taghha.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru